MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 653/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Joan Leighfield**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' disgha mija sebgha u erbghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm947.82) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 335173 gja 310218 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz u markat Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Saturn No.2, Fleet Street, Gzira u dana skond ma kif jidher mas-service agreement markat Dok B. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittri ufficjali tat-28 ta' April, 1995 u 17 ta' Mejju 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 13 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi s-socjeta' attrici m'ghandiex tiehu ebda ammont minghandha peress illi dan l-ammont huwa gia mhallas tant li kien irrizulta snin ilu li kien hemm zball amministrattiv da parti tas-socjeta' attrici;
2. Illi ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa mill-istess konvenuta (fol 16 ibid) u li biha ssottomettiet illi l-azzjoni hi preskritta skond l-artikolu 2146(f) tal-Kodici Civili.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2002 (fol 17 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Ili jkun opportun illi mill-bidu nett, jigi notat li l-eccezzjoni preliminari kif proposta ma taghmilx sens in vista li gie citat artikolu in vista li dan l-artikolu jitratta "l-obbligazzjoni tad-debitur ta' renta" ("annuity"). Ghalhekk presumibilment gie citat l-artikolu 2146(f) izda, korrettament, kellu jigi citat l-artikolu 2156(f) tal-istess Kodici li jghid illi l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej …." Huma preskritti bit-trapass ta' hames snin.

Ikkunsidrat

Illi, bhala provi s-socjeta attrici ssottomettiet is-segwenti:-

a) Il-Prokuratur Legali Noel Scerri (fol 19 et seq ibid) spjega li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jirreferi ghal perjodu ta' zmien bejn l-1994 sa Settembru 1999. Inoltre l-konvenuta kienet talbet is-somma ta' Lm25.20, akkont ta' kull bilanc dovut, fis-7 ta' Mejju 1996 (ara l-anness Dok A a fol 2 tal-atti). L-istess xhud iddikjara, ukoll, illi l-ittra ufficjali imsemmija fl-avviz u presentata fit-28 t'April 1995 kienet giet notifikata lill-konvenuta fl-4 ta ' Mejju 1995 izda ma' kellux prova dwar in-notifika ta' ittra ufficjali ohra presentata fl-17 ta' Mejju 1999. Fl-ahharnett dwar il-meritu, l-istess xhud qal li, mill-"file" ma kienx irrisultalu li kien hemm "… xi zball amministrattiv".
b) Paul Busuttil (fol 46 u fol 54 et seq ibid) in rigward l-eccezzjoni ta' "hlas" kif proposta mill-konvenuta, ix-xhud spjega li kien minnu illi l-konvenuta kienet inghatat kreditu ta' Lm290.95,0, kif hi stess semmiet f'ittra, esebita minnha stess u li qeghda a fol 29 ibid. Pero' hu testwalment, qal, dwar dan l-punt "… ser nesebixxi dokument minn fejn effettivament jidher li dan l-ammont ta' kreditu kien gie mnaqqas" u ".. .fl-ammont mitlub fl-avviz kien diga gie mnaqqas …" dejjem b'referenza ghall-istess kreditu (ara fol 50 ibid). Dejjem b'referenza ghad-dokumenti esebiti mill-konvenuta a fol 29 sa fol 44 ibid), l-ircevuti ta' hlas kollha kemm huma, jirreferu "… ghall-perjodu qabel in-1993". Sussegwentement kif jidher a fol 56 sa fol 58 ibid, hu esebixxa prospett dettaljat dwar il-pagamenti kollha li kienu gew effettwati mill-konvenuta, kif markati, b'"highlighter" isfar, mil-istess xhud.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi, jigi rilevat illi, fit-12 ta'Gunju 2006, dan il-kaz kien gie differit ghas-sentenza izda il-Qorti, fuq talba tal-istess konvenuta kien laqa' t-talba taghha sabiex tissospendi l-ghoti ta' din is-sentenza sabiex hi "…tinghata l-fakolta li taghti x-xhieda taghha …" (ara fol 61 u fol 63 ibid). Pero dan ma avverax ruhu kif jidher a fol 64 u fol 65 ibid.

Ghalhekk, jidher mill-atti li l-unici provi li ssottomettiet il-konvenuta huma dawk id-dokumenti esebiti b'nota u li huma a fol 29 sa fol 44 ibid, liema dokumenti pero', ma

gewx konfermati bix-xhieda taht gurament tal-istess konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk il-Qorti ser tiddeciedi iz-zewg eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuta billi, l-ewwel u f'kaz separat, tikkunsidra l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u, imbaghad, jekk ikun il-kaz, tinghata d-decisjoni fuq il-meritu.

Ikkunsidrat

Illi. in rigward l-eccezzjoni preliminari jidher mill-fatti kif esposti li:-

a) Is-socjeta attrici kienet presentat zewg ittri ufficjali kif risultanti mill-avviz in esami. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dik presentata fit-28 ta' April 1995 ghandha tigi konsiderata bhala notifikata lill-konvenut, kif hawn fuq premess.
b) Fis-7 ta' Mejju 1996, il-konvenuta kienet hallset, akkont tal-bilanc dovut, is-somma ta' Lm25.20,0 u b'hekk, ulterjorment, giet interrotta l-preskrizzjoni skond kif jinghad fl-ariktolu 2134 tal-Kodici Civli.
c) L-azzjoni in esami giet intavolata fis-16 ta' Mejju 2000.

Illi, mill-premess, jidher ovvju li, f'dan il-kaz, il-perjodu ta' preskrizzjoni gie interott u bl-ebda mod ma kien skada meta giet intavolata l-istess azzjoni. Ghalhekk, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess u in rigward il-meritu, hu sufficjenti li ssir referenza ghax-xhieda dettaljta ta' Paul Busuttil minn fejn jirrisulta b'mod car li l-ammont pretiz fl-avviz hu effettivament dovut, u b'hekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta attrici s-somma

ta’ Lm947.82,0 bl-imghax legali mit-28 ta’ April 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta’ April 1995 u tal-17 ta’ Mejju 1999 kif ukoll tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------